(g) provide advice and assistance to consumers and handle individual cases from consumers with cross-border complaints or disputes;

(h) draft information materials, articles and press releases; and vet any such material for legal correctness;

(i) collect and analyse information on EU and national laws;

(j) assist national authorities in the development of ADR schemes;

(k) lead or participate in any joint research projects the European Consumer Centre (Malta) might partake in;

(l) participate in consultations at EU and national level, including response to surveys and queries from the EU Commission or other entities.

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:-

(i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided that they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(v) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(vi) (a) ikollhom il-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta;

jew

(b) ikunu persuni li għandhom il-kwalifiki akkademiċi biex jieħdu dan il-*warrant*;

(vii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati mas-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti eliġibbli li jkollhom *first degree* rikonoxxuta oħra, *diploma* rikonoxxuta ta' wara l-gradwazzjoni, jew kwalifika akkademika xierqa, rikonoxxuta u komparabbli ta' wara l-gradwazzjoni, f'materji Ewropej.

6. Il-kandidati li jgħaddu taħt paragrafu 5.1 (vi) (b) jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed kandidati taħt paragrafu 5.1 (vi) (a). Barra minn hekk, dawn il-kandidati jistgħu jinħatru biss meta jiksbu l-*warrant* biex jipprattikaw bħala Avukat f'Malta u sakemm ikun għad hemm vakanza.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNDP) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodifax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi

(v) able to communicate in the Maltese and English languages;

(vi) (a) in possession of the warrant to practise the profession of Advocate in Malta;

or

(b) persons having the academic qualifications to obtain such warrant;

(vii) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications, and state whether they have ever been in the Malta Public Service, giving details);

5.2 Due consideration will be given to eligible applicants who are in possession of a further recognised first degree, a recognised postgraduate diploma or other recognised, appropriate, comparable postgraduate academic qualification in European matters.

6. Successful candidates under paragraph 5.1 (vi) (b) will only be considered if there are not enough suitable candidates under paragraph 5.1 (vi) (a). Such candidates will, moreover, only become appointable when they obtain the warrant to practise as Advocates in Malta and provided that a vacancy is available.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of

kopji tagħhom għandhom ikunu jew mehmużin ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1 Bord ta' l-Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dan il-post.

9.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, 'Office for Fair Trading', Triq il-Kanun, Santa Venera.

9.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11.1 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tattendi korsijiet u laqgħat specjalizzati barra minn Malta.

which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 The result of the interviews will be published by the Public service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Consumer and Competition Division, Ministry for Competitiveness and Communications, 'Office for Fair Trading', Cannon Road, Santa Venera,.

9.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt

9.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10.1 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11.1 The selected applicant may also be required to travel abroad to attend for specialised courses and meetings.

11.2 Il-persuna magħżula li tintbagħat biex tagħmel korsijiet ta' taħriġ barra minn Malta tkun marbuta bil-kundizzjonijiet relevanti mniżżla fil-*Public Service Management Code*.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mimgħand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, 'Office for Fair Trading, Triq il-Kanun, Santa Venera.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, sa mhux aktar tard minnofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Novembru 2007.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Novembru 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni - mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356 2149 6879.

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni tibgħat irċevuti bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-6 ta' Novembru, 2007

11.2 When proceeding abroad to follow courses, he/she will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director General, Consumer and Competition Division, 'Office for Fair Trading', Cannon Road, Santa Venera.

13. Applications, together with a *curriculum vitae* indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director General, Consumer and Competition Division, Ministry for Competitiveness and Communications, 'Office for Fair Trading', Cannon Road, Santa Venera, by not later than noon (*Central European Time*) of Friday, 30th November 2007.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 30th November 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director General, Consumer and Competition Division, Ministry for Competitiveness and Communications by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356.21496879.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Consumer and Competition Division, Ministry for Competitiveness and Communications, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Consumer and Competition Division, Ministry for Competitiveness and Communications, within seven (7) days.

6th November, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza ta' *Assistant Lecturer/Lecturer* fil-*Physics*

Permess ta' l-ETC Nru. 228/2007

Il-Kulleġġ Malta ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jingaġġa *assistant lecturer/lecturer* fil-*Physics*.

Applikanti għandu jkollhom:

(1) *Degree* ta' B.Ed. (Hons.) bi speċjalizzazzjoni fil-*Physics*;

JEW

(2) *Degree* ta' B.Sc. bi speċjalizzazzjoni fil-*Physics* preferibbilment b'PGCE fil-Physics;

Kandidati għandu jkollhom ukoll 5 snin esperjenza relevanti fit-tagħlim jew industrija.

Dmirijiet jikkonsistu prinċipalment f'tagħlim fi klassi/*workshop*/laboratorju, xogħol ta' *tutorial* u amministrazzjoni ta' *assignments* inklużi preparazzjoni, immarkar u assessjar.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni tal-MCAST, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar ta nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Novembru, 2007.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu *online* jew mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani u għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Amministrazzjoni, Bini ta' l-Amministrazzjoni, Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Is-6 ta' Novembru, 2007

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy of Assistant Lecturer/Lecturer in Physics

ETC Permit No. 228/2007

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit an assistant lecturer/lecturer in Physics.

Applicants should have:

(1) a B.Ed. (Hons.) degree with a specialisation in Physics;

OR

(2) a B.Sc. with a specialisation in Physics and preferably a PGCE in Physics,

Candidates must also have 5 years relevant teaching or industrial experience.

Duties will consist mainly of classroom/workshop /laboratory teaching, tutorial work and administration of assignments including preparation, marking and assessment.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than noon of Wednesday, 21st November, 2007.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Paola, Paola PLA 9032.

Late applications will not be considered.

6th November, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza ta' *Assistant Lecturer/Lecturer* fil-*Graphical Communication and Computer Aided Design (CAD)*

Permess ta' l-ETC Nru. 211/2006

Il-Kulleġġ Malta ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija tinħtieġ tingaġġa *assistant lecturer/lecturer* fil-*Graphical Communication and Computer Aided Design (CAD)*.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy of Assistant Lecturer/Lecturer in Graphical Communication and Computer Aided Design (CAD)

ETC Permit No. 211/2006

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit an assistant lecturer/lecturer in Graphical Communication and Computer Aided Design (CAD).

Applikanti għandu jkollhom:

(1) *first degree* fil-*Graphical Communication* jew *Design and Technology* jew *IT* bħala l-qasam prinċipali ta' l-istudji tagħhom. Tingħata preferenza lill-applikanti li jkollhom ukoll Parti 1 u Parti 2 taċ-ċertifikat tas-City & Guilds fl- *Auto-CAD*;

JEW

(2) Diploma Ogħla Nazzjonali fid-Disinn 3D flimkien ma' *portfolio* tajjeb li juri applikazzjonijiet ta' AutoCAD, u ta' l-anqas ħames snin esperjenza relevanti u xierqa fl-industrija/kummerċ.

Applikanti li jkunu interessati jieħdu l-pożizzjoni fuq bażi *part-time* jistgħu jkunu kunsidrati.

Applikanti huma mistiedna biex jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni tal-MCAST mimlija kif suppost lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Novembru, 2007. Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani ta' l-MCAST. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-6 ta' Novembru, 2007

Applicants should have:

(1) a first degree with Graphical Communication or Design and Technology or IT as their main area of study. Preference will be given to applicants who also hold a Part 1 and Part 2 City & Guilds certificate in AutoCAD;

OR

(2) a Higher National Diploma in 3D Design together with a strong portfolio showing AutoCAD applications, and at least five years relevant and appropriate industrial/commercial experience.

Applicants who are interested in taking up the post on a part-time basis may also be considered.

Applicants are requested to submit the completed MCAST Application Form to the Chief Administration Officer, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, by not later than Wednesday, 14th November, 2007, at noon. Application forms are available online and from the Human Resources Office. Late applications will not be considered. If further information is required, please refer to the address below.

6th November, 2007

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Skema ta' Miżuri ta' Ristrutturazzjoni u Konverżjoni għall-Vinji

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1493 tas-17 ta' Mejju 1999 fuq l'organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid, bil-għan li tadatta l-produzzjoni ta' l-inbid għat-talba tas-suq, stabbilixxa sistema ta' għajnuna finanzjarja għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji.

L-għan ta' din il-miżura huwa l-adattament tal-produzzjoni għad-domanda tas-suq, biex jgħin fit-titjib strutturali u jsaħħaħ il-kompetittività, billi tbiddel dwieli ta' kwalità baxxa b'oħrajn ta' kwalità għolja u/jew itejjeb it-teknika ta' l-immaniġġar tal-vinji.

Is-sistema tkopri l-miżuri ta' hawn taħt:

(a) tibdil tal-varjetà, kif ukol tilqim mill-ġdid;

(b) tibdil fil-post tal-vinji;

(ċ) titjib fil-mod ta' maniġġar tal-vinji.

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Restructuring and Conversion Scheme for Vineyards

Council Regulation (EC) 1493 of 17 May 1999 on the common organisation of the market in wine, with the purpose of adapting the production of wine to market demand, has established a system of support for the restructuring and conversion of vineyards.

The aim of the measure is to adapt production to market demand, to accelerate structural improvement and strengthen competitiveness, by replacing low-quality vines with better quality vineyards and/or improving vineyard management techniques.

The system covers the following measures:

(a) varietals conversion, including by means of grafting-on;

(b) relocation of vineyards;

(c) improvements to vineyard management techniques.

Applikazzjonijiet jistgħu jsiru mat-Taqsima tal-Vitikultura u l-Enoloġija fiċ-Ċentru Nazzjonali għar-Riċerka u Żvilupp fl-Agrikoltura, l-Għammieri, il-Marsa bejn it-12 ta' Novembru 2007 u l-1 ta' Frar 2008. Id-dokumenti msemmija fil-pjan ta' ristrutturazzjoni għandhom jingħataw lit-Taqsima tal-Vitikultura u l-Enoloġija ma l-applikazzjoni, fl-Għammieri stess.

Is-6 ta' Novembru, 2007

Applications may be lodged between 12th November 2007 and 1st February 2008 at the Viticulture and Oenology Unit at the National Agricultural Research and Development Centre, Għammieri, Marsa. The relevant documentation referred to in the Restructuring Plan should be presented to the Viticulture and Oenology Unit with the application form.

6th November, 2007

KUNSILL LOKALI GĦAXAQ

Il-Kunsill Lokali Għaxaq jgħarraf lill-pubbliku li b'seħħ mis-16 ta' Novembru 2007, Triq iċ-Ċeppun, Ħal Għaxaq se tkun f'direzzjoni waħda għat-traffiku lejn Triq il-Gudja jew Triq il-Gardell, Ħal Għaxaq.

Is-6 ta' Novembru, 2007

GĦAXAQ LOCAL COUNCIL

The Għaxaq Local Council notifies the public that with effect from the 16th November 2007, Triq iċ-Ċeppun will be a one-way directional street towards Triq il-Gudja or Triq il-Gardell, Għaxaq.

6th November, 2007

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-8 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 339/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *aprotinin 500,000kiu* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 340/2007. Provvista ta' *straight externally supported PTFE* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 341/2007. Provvista ta' *100% silicone Foley catheters* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 342/2007. Provvista ta' *syringes disposable 10cc* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 343/2007. Bini u tlestija parzjali ta' *Plot* 20, Triq Santa Klementina, iż-Żurrieq – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm75 (€174.71) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kanċellata.

CT 344/2007. Bini u tlestija parzjali ta' *Plot* 4, Triq l-Indipendenza, iż-Żurrieq – Dipartiment tal-Bini u Tiswija

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following Advt.isements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 8th November, 2007, for:

CT 339/2007. Supply of aprotinin 500,000kiu injections – Health Division.

CT 340/2007. Supply of straight externally supported PTFE – Health Division.

CT 341/2007. Supply of 100% silicone Foley catheters – Health Division.

CT 342/2007. Supply of syringes disposable 10cc – Health Division.

CT 343/2007. Construction and semi-finishing of Plot 20, Triq Santa Klementina, Żurrieq – Housing Contruction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Parish Priest Ġwann Azzopardi Street, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm75 (€174.71) for each copy of tender document.

The Director General (Contracts) notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

CT 344/2007. Construction and semi-finishing of Plot 4, Vjal l-Indipendenza, Żurrieq – Housing Contruction

ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofs inhar wara li jitħallas dritt ta' Lm75 / €174.71 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kanċellata.

CT 345/2007. Bini u tlesstija parzjali ta'52, Triq Sciortino, iż-Żejtun – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofs in-nhar wara li jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kanċellata.

CT 279/2007. Bini ta' *bunkers* u provvista ta' *linear accelerators* għad-Dipartiment il-ġdid tar-*Radio Therapy* – Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm200 (€465.87) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Awissu 2007.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-13 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 327/2007. Kuntratt perjodiku biex jitfarrak u jiġi *graded* materjal tal-kostruzzjoni u twaqqigħ fil-Kumpless għall-Immaniġġar ta' l-Iskart fil-Magħtab - WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-14 ta' Settembru 2007.

CT 362/2007. Ftehim bażiku għall-provvista ta' *bottled oxygen* u *acetylene* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 308/2007. Provvista ta' *chemistry reagents* b'tagħmir b'self – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Awissu 2007.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-20 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 328/2007. Provvista u tqegħid ta' materjal ta' pavimentar fi Triq is-Sajjieda, Marsaxlokk – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' Settembru 2007.

and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm75 (€174.71) for each copy of tender document.

The Director General (Contracts) notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

CT 345/2007. Construction and finishing of 52, Triq Sciortino, Żejtun – Housing Contruction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Parish Priest Ġwann Azzopardi Street, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm50 (€116.47) for each copy of tender document.

The Director General (Contracts) notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

CT 279/2007. Construction of bunkers and provision of linear accelerators for a new Radio Therapy Department – Health Division. A fee of Lm200 (€465.87) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 2nd August, 2007.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 13th November, 2007, for:

CT 327/2007. Period contract for the crushing and grading of construction and demolition material at the Magħtab Waste Management Complex - WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm20 (€46.59) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 14th September 2007.

CT 362/2007. Framework agreement for the supply of bottled oxygen and acetylene to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 308/2007. Supply of chemistry reagents with equipment on loan – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd August 2007.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 20th November, 2007, for:

CT 328/2007. Supply, delivery and laying of paving materials at Triq is-Sajjieda, Marsaxlokk – Works Division. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th September 2007.

CT 329/2007. Provvista ta' *irinotecan hydrochloride vials* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' Settembru 2007.

CT 330/2007. Provvista ta' *tobacco excise tax stamps* – Dipartiment tad-Dwana. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 (€232.94) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-18 ta' Settembru 2007.

CT 331/2007. Provvista ta' tiġieġ tat-tip *broiler* (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-18 ta' Settembru 2007.

CT 332/2007. Provvista ta' ħobż (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-18 ta' Settembru 2007.

CT 333/2007. Provvista ta' *column agglutination blood group serology system* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-19 ta' Settembru 2007.

CT 335/2007. Provvista ta' *nitrous oxide* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Settembru 2007.

CT 336/2007. Provvista ta' taħlita ta' gassijiet *oxygen* u *nitrous oxide* 50/50 – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Settembru 2007.

CT 337/2007. Provvista ta' *enzyme immuno assay/ chemiluminescent test kits* b'tagħmir b'self – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-25 ta' Settembru 2007.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-22 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 338/2007. Bażi għal ftehim għall-provvista ta' *mild steel bars, angles, plates and hollow sections* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-25 ta' Settembru 2007.

CT 353/2007. Provvista ta' *enteral feeding sets with bags* għal użu ma' l-*enteral feeding pumps* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 354/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *heparin sodium 25,000iu in 5ml vials* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 329/2007. Supply of irinotecan hydrochloride vials – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th September 2007.

CT 330/2007. Supply of tobacco excise tax stamps – Department of Customs. A fee of Lm100 (€232.94) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 18th September 2007.

CT 331/2007. Supply of broiler chickens (Malta) – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 18th September 2007.

CT 332/2007. Supply of bread (Malta) – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched of the 18th September 2007.

CT 333/2007. Supply of column agglutination blood group serology system – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 19th September 2007.

CT 335/2007. Supply of nitrous oxide – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th September 2007.

CT 336/2007. Supply of oxygen and nitrous oxide 50/50 gas mixture – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th September 2007.

CT 337/2007. Supply of enzyme immuno assay/ chemiluminescent test kits with equipment on loan – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 25th September 2007.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 22nd November, 2007, for:

CT 338/2007. Framework agreement for the supply of mild steel bars, angles, plates and hollow sections to the Procurement Section of the Contracts Department.

The EU Contract Notice was dispatched on 25th September 2007.

CT 353/2007. Supply of enteral feeding sets with bags for use with enteral feeding pumps - Health Division.

CT 354/2007. Supply of heparin sodium 25,000iu injections in 5ml vials - Health Division.

CT 355/2007. Provvista ta' *injectable lenses* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 356/2007. Provvista ta' *protein powder* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 357/2007. Provvista ta' pilloli *calcium carbonate 500mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 358/2007. Provvista ta' *trisodium citrate catheter lock* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 359/2007. Provvista ta' *laryngeal masks,* Qies: 5 - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 360/2007. Provvista ta' kapsoli *fenofibrate high dose* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 361/2007. Provvista ta' pilloli *amlodipine* 100mg - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 346/2007. Provvista ta' *immunoassay kits* b'tagħmir b'self - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-27 ta' Settembru 2007.

CT 347/2007. Provvista ta' *sets for IVAC volumetric pumps* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-27 ta' Settembru 2007.

CT 348/2007. Provvista ta' *technitium generator* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-27 ta' Settembru 2007.

CT 349/2007. Provvista ta' *breakfast, lunch* u *dinner* għall-individwi tat-tielet dinja (immigranti irregolari) - Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 (€232.94) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Settembru 2007.

CT 366/2007. Provvista ta' *consumables* għal sistema tat-trasfużjonijiet tad-demm *Cobe autologous* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 367/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *clarithromycin* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 382/2007. Provvista ta' tagħmir li jrid jinxtara għal *Procurement Management System* tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 355/2007. Supply of injectable lenses - Health Division.

CT 356/2007. Supply of protein powder - Health Division.

CT 357/2007. Supply of calcium carbonate 500mg tablets - Health Division.

CT 358/2007. Supply of trisodium citrate catheter lock - Health Division.

CT 359/2007. Supply of laryngeal masks, size: 5 - Health Division.

CT 360/2007. Supply of fenofibrate high dose capsules - Health Division.

CT 361/2007. Supply of amlodipine 100mg - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 27th November, 2007, for:

CT 346/2007. Supply of immunoassay kits with equipment on loan - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on 27th September 2007.

CT 347/2007. Supply of sets for IVAC volumetric pumps - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on 27th September 2007.

CT 348/2007. Supply of technitium generator - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on 27th September 2007.

CT 349/2007. Supply of breakfast, lunch and dinner to third country nationals (irregular immigrants) - Armed Forces of Malta. A fee of Lm100 (€232.94) will be charged for each copy of tender document.
The EU Contract Notice was dispatched on 28th September 2007.

CT 366/2007. Supply of consumables for Cobe autologous blood transfusion systems - Health Division.

CT 367/2007. Supply of clarithromycin injections - Health Division.

CT 382/2007. Supply of equipment to be purchased for the Procurement Management System of the Department of Contracts. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

Dan huwa *Supply Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għal Malta tat-*Transition Facility* 2005.

(*Budget* allokat: Lm11,050.06 (€25,740.00) mingħajr V.A.T.).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-29 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 368/2007. Provvista u tqegħid ta' *walk through Enemalta service tunnel* fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far - Malta Industrial Parks. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 369/2007. Provvista ta' frott u ħaxix (Malta) - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 370/2007. Provvista ta' *Integrated University Information System* – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-18 ta' Ottubru 2007.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-4 ta' Diċembru, 2007, għal:

CT 350/2007. Provvista ta' *implantable cardioverter defribrillators* u *leads* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-8 ta' Ottubru 2007.

CT 351/2007. Provvista ta' pilloli *risperidone* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-8 ta' Ottubru 2007.

CT 352/2007. Provvista ta' *reagents for BD FACS Canto II flow cytometer* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-10 ta' Ottubru 2007.

CT 371/2007. Formazzjoni u bini ta' rampa li tagħti għall-*units* tal-livell ta' fuq at Fabbrika Trelleborg HF72 fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far – Malta Industrial Parks. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 372/2007. Provvista ta' ħut (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

Sal-10.00 a.m. tat-ĦAMIS, l-6 ta' Diċembru, 2007, għal:

CT 376/2007. Provvista ta' pilloli *carvedilol* 25mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

This is a Supply Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the Transition Facility Programme for Malta 2005.

(Allocated budget: Lm11,050.06 (€25,740.00 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 29th November, 2007, for:

CT 368/2007. Supply and laying of a walk through Enemalta service tunnel at Ħal Far Industrial Estate - Malta Industrial Parks. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

CT 369/2007. Supply of fruits and vegetables (Malta) - Health Division.

CT 370/2007. Procurement of an Integrated University Information System – University of Malta. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 18th October 2007.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 4th December, 2007, for:

CT 350/2007. Supply of implantable cardioverter defribillators and leads - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 8th October 2007.

CT 351/2007. Supply of risperidone tablets - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 8th October 2007.

CT 352/2007. Supply of reagents for BD FACS Canto II flow cytometer - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 10th October 2007.

CT 371/2007. Formation and construction of ramp to access upper level units at Trelleborg Factory HF72 at Ħal Far Industrial Estate – Malta Industrial Parks. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

CT 372/2007. Supply of fish (Malta) – Health Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 6th December, 2007, for:

CT 376/2007. Supply of carvedilol 25mg tablets – Health Division.

CT377/2007. *Integrated Pest Management Programme* għall-Isptar San Luqa u l-Isptar Mater Dei u Pest Control Services – Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.24) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-11 ta' Diċembru, 2007, għal:

CT 363/2007. Provvista ta' servizzi ta' sigurtà - Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Ottubru 2007.

CT 364/2007. Provvista ta' servizzi ta' tindif - Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Ottubru 2007.

CT 365/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *docetaxel 20mg* u *80mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Ottubru 2007.

Sal-11.00 a.m. (Ħin Svediż) tal-ĦAMIS, it-13 ta' Diċembru, 2007, għal:

Maintenance Software Centrally Developed Transit Application/Nationally Operated (CDTA). Aktar informazzjoni tista' tinkiseb aktar 'il quddiem f'din il-Gazzetta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' Ottubru 2007. Riferenza fuq it-TED: 2007/S 202-245554 u 2007/S 205-248490.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-18 ta' Diċembru, 2007, għal:

CT 373/2007. Provvista, stallazzjoni, ittestjar u kummissjonar ta' tagħmir għas-*slaughter line* u servizzi anċillari oħra fil-Biċċerija Ċivili, Xewkija, Għawdex – Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 (€232.94) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Ottubru 2007.

CT 374/2007. Provvista ta' servizzi ta' siġurtà fil-Librerija Nazzjonali, fil-Belt Valletta – Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.24) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Ottubru 2007.

CT 375/2007. Provvista ta' laħam taċ-ċanga tal-friża – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT377/2007. Integrated Pest Management Programme for the St Lukes Hospital and the Mater Dei Hospitals and Pest Control Services – Health Division. A fee of Lm25 (€58.24) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 11th December, 2007, for:

CT 363/2007. Provision of security services - Malta Environment and Planning Authority. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th October 2007.

CT 364/2007. Provision of cleaning services - Malta Environment and Planning Authority. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th October 2007.

CT 365/2007. Supply of docetaxel 20mg and 80mg injections - Health Division. The EU Contract Notice was dispatched on 11th October 2007.

Up to 11.00 a.m. (Swedish Time) on THURSDAY, 13th December, 2007, for:

Maintenance Software Centrally Developed Transit Application/Nationally Operated (CDTA). Further information can be obtained at the notice published further on in this Gazette.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th October 2007. TED Reference Number: 2007/S 202-245554 and 2007/S 205-248490.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 18th December, 2007, for:

CT 373/2007. Supply, installation, testing and commissioning of slaughter line equipment and other ancillary services at the Civil Abattoir, Xewkija, Gozo – Ministry for Gozo. A fee of Lm100 (€232.94) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd October 2007.

CT 374/2007. Provision of security services at the National Library, Valletta – National Library of Malta. A fee of Lm25 (€58.24) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd October 2007.

CT 375/2007. Supply of frozen ox beef – Health Division.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Ottubru 2007.

CT 378/2007. Provvista ta' *heparin calcium* f'siringi ta' *25000iu/ml in 0.2ml* – Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-23 ta' Ottubru 2007.

CT 379/2007. Provvista ta' servizzi legali – Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-23 ta' Ottubru 2007.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-20 ta' Diċembru, 2007, għal:

Quot. No. FTS Q20-07. Supply of U-PVC drain pipes and fittings for the new area at St Theresa Girls' Junior Lyceum, Mrieħel.

A payment of Lm2 (€4.66) is to be effected on collection of the quotation document.

Sealed quotations will be received up to 11.00 a.m. of Friday, 23rd November, 2007, for:-

Quot. No. FTS Q17-07. Supply of push-fit type polybuthlene pipes and fittings for the new area at St Theresa Girls' Junior Lyceum, Mrieħel.

A payment of Lm2 (€4.66) is to be effected on collection of the quotation document.

Quotation documents are available for review only on the Foundation for Tomorrow's Schools website: www.fts.com.mt.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660),

fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u n-12.30 p.m.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa tal-kwotazzjoni fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf lill-pubbliku ġenerali jista' jattendi matul il-ftuħ u l-iskedar tal-kwotazzjonijiet fil-ħin u d-data speċifikata hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-6 ta' Novembru, 2007

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Għargħur jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-12 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Għargħur għal:-

Kwot. Nru. Q-07/02-24. Armar b'dawl dekorattiv fil-lokalità.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għad-dokument tal-kwotazzjoni.

Aktar tagħrif jista' jinġabar mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju. Il-kwotazzjonijiet jinfetħu fil-pubbliku fid-data ta' l-għeluq fis-6.00 p.m..

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-6 ta' Novembru, 2007

KUNSILL LOKALI LUQA

Il-Kunsill Lokali Luqa jgħarraf illi sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru 2007, jintlaqgħu espressjonijiet ta' interess għal dwal tal-Milied fit-toroq.

Kopji ta' l-espressjoni ta' interess jistgħu jinġabru mill-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali, 49, Triq San Pawl, Luqa, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Is-6 ta' Novembru, 2007

on working days between 8.30 a.m. and 12.30 p.m.

Quotations must be deposited in the quotation box at the Foundation's offices.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of quotations at the time and date specified above.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

6th November, 2007

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Executive Secretary of the Għargħur Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Għarghur Local Council Office up to noon of Monday, 12th November 2007 for:-

Quot. No. Q-07/02-24. Christmas street light decorations in the locality.

A fee of Lm5 (€11.65) should be paid for the quotation document.

Further information must be collected from the Council's Administrative Office, during Office hours. Quotations will be opened in public on the same day at 6.00 p.m.

The Council reserves the right to refuse all quotations, even the most advantageous.

6th November, 2007

LUQA LOCAL COUNCIL

The Luqa Local Council notifies that expressions of interest for Christmas street lighting will be received up to noon of Friday, 23rd November, 2007.

Copies of expressions of interest may be obtained from the Local Council's office at 49, Triq San Pawl, Luqa, during office hours.

6th November, 2007

KUNSILL LOKALI IKLIN

Il-Kunsill Lokali Iklin jgħarraf illi:-

San-12.30 p.m. ta' nhar il-Ħamis, id-29 ta' Novembru 2007, fl-Uffiċċju tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 5/07. Ġbir ta' skart domestiku, kummerċjali u skart goff.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali fuq ħlas ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja tad-dokument minn nhar it-Tnejn, it-12 ta' Novembru 2007 waqt il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju bejn it-8.30 a.m. u n-12.30 p.m. u bejn is-2.00 p.m. u l-4.00 p.m.

Id-dokumenti jistgħu wkoll jiġu eżaminati mingħajr ħlas.

L-offerti jinfetħu fit-3.00 p.m. tad-data ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-6 ta' Novembru, 2007

IKLIN LOCAL COUNCIL

The Iklin Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Office by not later than 12.30 p.m. of Thursday, 29th November 2007, for:-

Advt. No. 5/07. Collection of household, commercial waste and bulky refuse.

Tender documents can be collected from the Local Council's Office against a payment of Lm25 (€58.23) for each tender document as from Monday,12th November 2007, during normal office hours between 8.30 a.m. and 12.30 p.m. and 2.00 p.m. and 4.00 p.m.

Tender documents may also be viewed at the Council's offices free of charge.

Tenders will be opened on the closing date at 3.00 p.m.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous one.

6th November, 2007

KUNSILL LOKALI IKLIN

Il-Kunsill Lokali Iklin jgħarraf illi:-

San-12.30 p.m. ta' nhar il-Ħamis, id-29 ta' Novembru 2007, fl-Uffiċċju tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 6/07. Xogħol ta' knis tat-toroq fl-Iklin.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali fuq ħlas ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja tad-dokument minn nhar it-Tnejn, it-12 ta' Novembru 2007 waqt il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju bejn it-8.30 a.m. u n-12.30 p.m. u bejn is-2.00 p.m. u l-4.00 p.m.

Id-dokumenti jistgħu wkoll jiġu eżaminati mingħajr ħlas.

L-offerti jinfetħu fit-3.00 p.m. tad-data ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-6 ta' Novembru, 2007

IKLIN LOCAL COUNCIL

The Iklin Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Office by not later than 12.30 p.m. of Thursday, 29th November 2007, for:-

Advt. No. 6/07. Street cleaning services.

Tender documents can be collected from the Local Council's Office against a payment of Lm25 (€58.23) for each tender document as from Monday,12th November 2007, during normal office hours between 8.30 a.m. and 12.30 p.m. and 2.00 p.m. and 4.00 p.m.

Tender documents may also be viewed at the Council's offices free of charge.

Tenders will be opened on the closing date at 3.00 p.m.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous one.

6th November, 2007

KUNSILL LOKALI GĦARB

Il-Kunsill Lokali Għarb jgħarraf illi qed iġedded id-data ta' l-iskadenza għal nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru, 2007, ta' l-offerti li ġejjin:

Avviż Nru. 03-07/08. Irranġar u kostruzzjoni ta' Ċentru Ċiviku

Avviż Nru. 04-07/08. Kisi mill-ġdid bil-*hot rolled asphalt*

Avviż Nru. 05-07/08. Provvista ta' tagħmir ta' materjal għal faċilitajiet sportivi

Avviż Nru. 06-07/08. Kostruzzjoni ta' *picnic area* fil-limiti ta' San Dimitri

Avviż Nru. 07-07/08. Servizz ta' *open skip*

Avviż Nru. 08-07/08. Provvista ta' *hardware items*

Avviż Nru. 09-07/08. Servizz ta' perit/*project manager*

Avviż Nru.10-07/08. Servizzi ta' avukat

Avviż Nru. 11-07/08. Tfassil ta' skema ta' Immaniġġar tat-traffiku għaż-żona urbana tal-lokalità

Avviż Nru. 12-07/08. Manutenzjoni ta' *soft areas*

Avviż Nru. 13-07/08. Provvista ta' kompjuter b'*touch screen monitor* u *IT software*

Avviż Nru. 14-07/08. Pavimentar ta' sqaqien u/jew provvista ta' materjal għall-pavimentar

Persuni interessati għandhom jiġbru d-dokument ta' l-offerta mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Għarb għall-ħlas ta' Lm30 (€69.88) kull dokument. L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara l-ħin ta' l-għeluq

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-6 ta' Novembru, 2007

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Għarb Local Council notifies that the closing date of the following tenders is being extended up to noon of Friday, 23rd November, 2007:

Advt. No. 03-07/08. Alterations and construction of Civic Centre

Advt. No. 04-07/08. Resurfacing with hot rolled asphalt

Advt. No. 05-07/08. Supply of equipment and material for sports facilities

Advt. No. 06-07/08. Construction of picnic area in the limits of San Dimitri

Advt. No. 07-07/08. Service of open skip

Advt. No. 08-07/08. Supply of hardware items

Advt. No. 09-07/08. Service of architect/project manager

Advt. No. 10-07/08. Service of a lawyer

Advt. No. 11-07/08. Design of a traffic management scheme for the urban zone of the locality.

Advt. No. 12-07/08. Maintenance of soft areas

Advt. No. 13-07/08. Supply of computer with touch screen monitor and IT software

Advt. No. 14-07/08. Paving of alleys and/or supply of paving material

Interested persons are to collect tender documents from the Local Council Office against a payment of Lm30 (€69.88). Tenders will be opened in public immediately after closing time.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

6th November, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1566

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-23 ta' Ottubru, 2007 fuq rikors ta' KUMMISSARJU TAL-VAT ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 7 ta' Novembru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-23 ta' Ottubru, 2007 li għandu jsir f' TRIQ KORDIN, PAOLA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand GAUCI CHRISTOPHER MARK.

Magna tat-torn
Oġġetti oħra

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A. (HONS)
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 23rd October, 2007 on the application of KUMMISSARJU TAL-VAT, Wednesday, 7th November, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 23rd October, 2007 to be held at TRIQ KORDIN, PAOLA of the following items seized from the property of GAUCI CHRISTOPHER MARK.

Lathe machine
Other items

Registry of the Superior Courts, this Monday, 5th November, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A. HONS
For the Registrar of Courts

1567

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Ottubru 2007, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (3177) kontra Zammit Isabelle, bint Paul u Nazarena neé Dimech, mwielda u residenti Gżira, detentriċi tal-karta ta' l-identità numru 14263(M), rikors numru 1540/07 AF, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet (Rikorrent) HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) kontra (Intimat) Zammit Isabelle, bint Paul u Nazarena neé Dimech, imwielda u residenti l-Gżira, detentriċi tal-karta ta' l-identità numru 14263M, fis-16 ta' Ottubru 2007, ir-rikorrenti HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) kif rappreżentat, mill-P.L. Catherine Fenech 408558(M), espona bir-rispett:

Illi l-esponent, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimata umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, li tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimata sabiex tinżamm milli tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà u b'mod partikolari li tinibixxi lill-intimata milli tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, personali jew reali, jew tikkostitwixxi kwalunkwe privileġġ u/jew ipoteka u/jew tagħmel xi ħaġa li tista' tagħti lok għal kostituzzjoni ta' privileġġ u/jew ipoteka, u dana fir-rigward tas-segwenti proprjetà ta' -intimata u cioè;

(i) Il-flat internament immarkat bin-numru ħdax (11) formanti parti minn blokk ta' tlettax-il flat, liema blokk jġib l-isem ta' 'Zodiac Flats', Victory Street, Gżira, liema blokk huwa sovrastanti għall-ħwienet/garaxijjiet/stores/uffiċini, u konfinanti mil-Lvant ma' Victory Street, mill-Punent ma' Gżira Street, ġa Triq il-Kubrit, u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' l-eredi ta' Joseph Gazan jew suċċessuri oħra fit-titolu jew irjieħ oħra verjuri. Dan il-flat huwa soġġett għas-sub ċens annwu u perpetwu ta' ħmistax-il lira Maltija Lm15 (€34.94) pagabbli lill Gasan Properties Limited, annwu bil-quddiem, inkluż 1/13 sehem indiviż tal-partijiet komuni u cioè l-entrata, l-entratura, it-taraġ u t-tromba tat-taraġ, shafts, 'drain' u s-sistema tad-dranaġġ, imma teskludi il-bejt li baqa' proprjetà tal-venditur Gasan Properties Limited.

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimata.

Kreditu: Disgħin elf u ħames mitt Lira Maltija Lm90,500 (€210,808.29) sorte, oltre l-imgħaxijiet legali mit-28 ta'

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 25th October 2007, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) against Zammit Isabelle, daughter of Paul and Nazzarena neé Dimech, born and residing in Gżira, holder of identity card number 14263(M), application number 1540/07 AF, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names (Applicant) HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) against (Respondent) Zammit Isabelle daughter of Paul and Nazarena neé Dimech, born and residing in Gżira, holder of identity card number 14263M, on the 16th October 2007, the applicant HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) as represented by L.P. Catherine Fenech 408558(M), pleaded with respect:

That the applicant, in order to secure the credit hereunder mentioned against the respondent humbly prays that this Honourable Court, orders the issuing of a warrant of prohibitory injunction against the respondent, so that she be held from selling, alienating, transferring or disposing intervivos or by onerous or gratuitous title any property and in particular to withhold the respondent from selling, alienating or transferring or disposing inter vivos or by onerous or gratuitous title, personal or real, or constitute any privilege and/or hypothec and/or do anything which can bring about the constitution of a privilege and/ or hypothec, and this in regard to the following property of the respondent and that is;

(i) The flat internally marked number eleven (11) forming part of a block of thirteen flats, which block bears the name 'Zodiac Flats', Victory Street, Gżira, which block overlies shops/garages/stores/offices, and borders on the East with Victory Street, on the West with Gżira Street, previously Kubrit Street, and on the North with property of the heirs of Joseph Gazan or other successors in title or more correct boundaries. This flat is subject to the annual and perpetual sub groundrent of fifteen Maltese Liri Lm15 (€34.94) payable to Gasan Properties Limited, annually in advance, including the 1/13 undivided share of the common parts and namely, the hall, entrance, the staircase and the wall of the staircase, shafts, 'drain' and drainage system, but excludes the roof which remained the property of the vendor Gasan Properties Limited.

Thus the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of a warrant of prohibtory injunction in question against the respondent.

Credit: Ninety thousand five hundred Maltese Liri Lm90,500 (€210,808.29) capital, besides legal interest from

April 2002, sad-data tal-pagament effettiv u b'riserva għall-ispejjeż.

Titolu: Bilanċ dovut minnha bħala garanti solidali ta' Richard Zammit liema ammont qed jiġi mitlub permezz ta' rikors ġuramentat ppreżentat kontestwalment fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-terminu konċess lilu bil-liġi, fejn se jintalab inter alia illi l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkanonizza l-kreditu tal-Bank surreferit.

Iff. Avukat Daphne Dodebier (116, Archbishop Street, Valletta).
Iff. P.L. Catherine Fenech (116, Archbishop Street, Valletta).

Ilum jum ta' 16 Ottubru 2007, ikkonfermat bil-ġurament fil-preżensa ta' u bħala xhud ta' l-identità minn PL Catherine Fenech. bla dok.

R. M. Vella.
Deputat Reġistratur.

Rikorrent: 116, Archbishop Street, Valletta.

Intimat: 11, Zodiac Flats, Victory Street, Gżira.

Eżekuzzjoni: The Director Land Registry - Valletta.
The Director Public Registry - Valletta (2 Notifiki).

B'ordni ta' l-istess Qorti hawn fuq imsemmija mogħtija il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2007, ir-Rikors hawn fuq imsemmi numru 1540/2007 AF, HSBC Bank Malta plc vs Zammit Isabelle ġie differit għas-smigħ, għat-13 ta' Novembru 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 1 ta' Novembru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the 28th April 2002, till the date of effective payment and saving costs.

Title: Balance due by her as surety in solidum of Richard Zammit which amount is being demanded by means of a sworn application filed at the same time in the First Hall Civil Court within the term granted to him by law, whereby inter alia it shall be demanded that this Honourable Court shall declare the credit of the Bank above mentioned.

Sgd. Advocate Daphne Dodebier (116, Archbishop Street, Valletta).
Sgd. L.P. Catherine Fenech (116, Archbishop Street, Valletta).

Today 16th day of October 2007, confirmed by oath in the presence of and as witness of identity by LP Catherine Fenech without doc.

R.M. Vella.
Deputy Registrar.

Applicant: 116, Archbishop Street, Valletta.

Respondent: 11, Zodiac Flats, Victory Street, Gżira.

Execution: The Director Land Registry -Valletta.
The Director Public Registry -Valletta (2 Services).

By order of the same Court above mentioned given on Thursday, 25th October 2007, the Application above mentioned number 1540/2007 AF, HSBC Bank Malta plc vs Zammit Isabelle, was put off to the 13th November 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 1st November 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1568

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Settembru 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 2653/07, fl-ismijiet il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Giuseppe Vella (K.I. 329254(M), f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija Fortudol Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Giuseppe Vella noe et, ai termini ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 9 ta' Lulju 2007

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 28th September 2007, in the records of the judicial letter number 2653/07, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Giuseppe Vella (I.D. 329254M), in his own name as well as director in the name and in representation of the company Fortudol Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Giuseppe Vella noe et, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today, 9th July 2007

Lil Giuseppe Vella (ID Numru 329254(M) f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija Fortudol Limited (Reġ. Numru C-30476).

Permezz tal-preżenti, il-Kumissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 66 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' mitt elf, tliet mija u sebgħin Lira Maltin Lm100,370 (€233,799.21) rappreżentanti ammont dovut minnek pro et noe, skond l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond l-Att XXIII ta' l-1998, fuq imsemmi, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandhu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kontra tiegħek permezz ta' l-Avviż li ntbagħatlek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li ser jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe, permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Mittenti: Centre Point Building, Triq ta' Paris, Birkirkara.

Intimat: Doris, Triq l-Oratorju, in-Naxxar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Novembru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

To Giuseppe Vella (ID number 329254(M) in your own name as well as director in the name and in representation of the company Fortudol Limited (Reg. Number C-30476).

By the present, the Commissioner for Value Added Tax, calls upon you in terms of Article 66 of Act XXIII of 1998, so that within two (2) days from the service of this act, you pay the sum of one hundred thousand three hundred and seventy Maltese Liri Lm100,370 (€233,799.21) representing amount due by you pro et noe, according to the same Act.

With costs and interest according to Act XIII of 1998, above mentioned, till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, and particularly but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax, has against you by means of the Notice sent to you.

Failing which, the interpellant, warns you that he shall pass to execute the executive title he has against you pro et noe, by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Respondent: Doris, Oratory Street, Naxxar.

Registry of the Superior Courts, today 2nd November 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1569

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ottubru 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 936/07GV, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Mark Kevin Camilleri (ID Nru 281668M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Mark Kevin Camilleri (ID numru 281668M) fis-6 ta' Settembru 2007, is-soċjetà rikorrenti Bank of Valletta p.l.c., talbet lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi msemmija fir-rikors

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 22nd October 2007, in the records of the Sworn Application number 936/07 GV, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Mark Kevin Camilleri (ID number 281668M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Mark Kevin Camilleri (ID number 281668(M) on the 6th September 2007, the applicant company Bank of Valletta p.l.c. prayed this Honourable Court;

1. To declare and decide that there occurred one or more of the events mentioned in the said writings mentioned in the

..omissis.. billi Mark Kevin Camilleri (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati u jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess Mark Kevin Camilleri, li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

2. Tikkundanna lil Mark Kevin Camilleri jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt elef tmien mija u sittax-il Lira Maltin u ħamsa u tletin ċenteżmu Lm6,816.35 (€15,877.82) bilanċ ghad-debitu fil-'Loan Account' ta' Mark Kevin Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok 'C') flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-28 ta' Awissu 2007, sad-data ta' l-effettiv pagament:

Bl-ispejjeż, u bir-riżerva għall-pretensjonijiet oħra tal-attriċi kontra l-konvenut li huwa inġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.

Xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Soċjetà attriċi: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Palace Square, Valletta.

Konvenut: Mark Kevin Camilleri
Paradise Court, Flat 12,
Triq ir-Rosa, Marsaskala.

Ir-Rikors Numru 936/07 GV fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C 2833) vs Mark Kevin Camilleri jinsab appuntat għas-smigħ għas-7 ta' Novembru 2007, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Novembru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

application…omissis… as Mark Kevin Camilleri (a) failed to make the payments due to the interpellant company as stipulated in the said private writings, (b) failed in other obligations assumed by him in the same writings above indicated and or (c) there is a material change of circumstances of the same Mark Kevin Camilleri, which endanger or badly affect the possibility of repayment of the said debt to the plaintiff company.

2. Condemn Mark Kevin Camilleri to pay the plaintiff company, the sum of six thousand eight hundred and sixteen Maltese Liri and thirty five cents (Lm6,816.35) (€15,877.82) balance of debt in the 'Loan Account' of Mark Kevin Camilleri, with the Bank of Valletta p.l.c. (Dok'C') together with further interest from the 28th August 2007, till the date of effective payment;

With costs, and saving other claims of the plaintiff against the defendant, who is summoned to appear so that a reference to his oath be made.

Witnesses.

List of Documents.

Plaintiff company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Palace Square, Valletta.

Defendant: Mark Kevin Camilleri
Paradise Court, Flat 12,
Rosa Street, Marsaskala.

The Application Number 936/07 GV, in the names Bank of Valletta plc (C 2833) vs Mark Kevin Camilleri has been appointed for hearing on the 7th November 2007, at 9.15 a .m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd November 2007.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1570

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI PRIM AWLA

Billi r-rikorrent Grazia sive Mary Grace Bugeja neé Decelis u Clayton Charles Bugeja ppreżentaw rikors ġuramentat (Nru. 1128/07 JRM) fejn talbu l-KORREZZJONI TA' L-ATT TAŻ-ŻWIEĠ numru 1968/1978 u FL-ATT TAT-TWELID 5503/1983 rispettivament fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT FIRST HALL

Whereas the plaintiff Grazia sive Mary Grace Bugeja neé Decelis and Clayton Charles Bugeja filed an application under oath (No. 1128/07 JRM) demanding CORRECTIONS in the ACT OF MARRIAGE number 1968/1978 and ACT OF BIRTH number 5503/1983 respectivly in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by

tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 2 ta' Novembru, 2007.

ALEXANDER DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 2nd of November, 2007.

ALEXANDER DEBATTISTA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1571

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Settembru 2007, fl-atti ta' l-Ittra uffiċjali numru 3758/06, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Q-Services Limited (C 27463) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 1 ta' Novembru 2006

Lil: Q-Services Limited (C 27463)

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, il-Kumissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jinterpellak sabiex fi żmien sebat ijiem inti tħallsu s-somma ta' sitta u ħamsin elf, sitt mija u wieħed u tmenin lira Maltin Lm56,681.00 (€132,031.21) bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, multi u interessi ai termini ta' l-Att XXIII ta' l-1998, flimkien ma' l-imgħax legali sal-jum tal-pagament effettiv.

Dan il-pagament flimkien ma' l-ispejjeż u d-drittijiet ta' l-istanti proċedura, għandhom jitħallsu direttament lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Centre Point Buildings, Birkirkara.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, imma mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tiegħek.

Jekk jgħaddi t-terminu lilek prefiss u inti tibqa' inadempjenti, il-mittent se jgħaddi biex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li huwa għandhu kontra tiegħek bl-opportuni proċeduri eżekuttivi fuq ħwejġek u dan mingħajr preavviż ieħor.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 27th September 2007, in the records of the judicial letter number 3758/06, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Q-Services Limited (C 27463) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 1st November 2006

To: Q-Services Limited (C 27463)

By the present judicial letter the Commissioner for Value Added Tax calls upon you so that within seven days you pay the sum of fifty six thousand six hundred and eighty one Maltese Liri Lm56,681.00 (€132,031.21) as Value Added Tax, fines and interests in terms of Act XXIII of 1998, together with legal interest till the date of effective payment.

This payment together with costs and fees of the present procedure, are to be paid directly to the Department for Value Added Tax Centre Point Buildings, Birkirkara.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax has against you.

If the term fixed to you uselessly passes and you remain in default, the interpellant shall pass to execute the said executive title he has against you, by means of the opportune executive procedures, against your property and this without another prior notice.

Mittent: Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;
Dipartiment tal-Vat,
Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara BKR 13.

Soċjetà Intimata: Q-Services Limited
C/o 1642, Portomaso Complex,
New Street in Church Street,
St. Julian's.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Novembru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Interpellant: Commissioner for Value Added Tax;
Vat Department,
Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara BKR 13.

Respondent Company: Q-Services Limited
C/o 1642, Portomaso Complex,
New Street in Church Street,
St. Julian's.

Registry of the Superior Courts, today 2nd November 2007.

ADV. DR.FRANKPORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1572

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-20 ta' Settembru 2007, minn Philip Azzopardi u oħrajn, rikors numru 607/2007, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Philip Azzopardi (missier id-decujus) u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż; u favur Cettina Farrugia, Emanuel, Christina Pace, Mary Tanti, Censina Bonello u Maria Victoria Cassar, aħwa Azzopardi (ħut id-decujus) u dan fi kwota ta' parti waħda minn tnax-il parti (1/12) kull wieħed u waħda minnhom, is-SUĊĊESSJONI ta' Carmelo Azzopardi, ġuvni, iben Philip Azzopardi u l-mejta Maria neé Borg, imwieled u joqgħod Ħaż-Żebbuġ, Malta u miet fl-Isptar San Vinċenz de Paule, Ħal Luqa, fil-11 ta' April 2007, ta' 71 sena u kellu karta ta' l-identità numru 0443635(M) mingħajr testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 2 ta' Novembru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 20th September 2007, by Philip Azzopardi and others application 607/2007, whereby they asked that it be declared open in favour of the same Philip Azzopardi (father of the decujus) and this in the quota of one-half (1/2) undivided share; and in favour of Cettina Farrugia, Emanuel, Christina Pace, Mary Tanti, Censina Bonello and Maria Victoria Cassar, brothers and sisters Azzopardi (brothers and sisters of the decujus) and this in the quota of one-twelfth (1/12) in favour of each one of them, the SUCCESSION of Carmelo Azzopardi, bachelor, son of Philip Azzopardi and the deceased Maria nee' Borg, born and residing in Żebbuġ, Malta and died at Saint Vincent de Paule, Hospital, Luqa, on the 11th April 2007, intestate aged 71 and who had identity card number 0443635 (M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 2nd November 2007.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1573

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-1 ta' Novembru 2007, ġiet milqugħa t-talba tal-Prosekuzzjoni fl-Atti tal-Kumpilazzjoni 'Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) kontra:

Mario Camilleri, ta' 45 sena iben Spiro u Mary neé

It is hereby notified that by a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 1st November 2007, the Court acceded to the request of the Prosecution in the Preliminary Investigation 'The Police (Inspector Norbert Ciappara)' versus:

Mario Camilleri, 45 years old, son of Spiro and Mary neé

Allegretto, imwieled Pietà fil-21 ta' Mejju 1962 u residenti Emanuela, Triq is-Siegħ, Swieqi, Ta' l-Ibraġġ, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 320862(M).

Ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-propjetà mobbli kollha li huma dovuti u/jew imissu lill-imputat imsemmi iktar 'il fuq, jew li huma propjetà tiegħu u pprojbiet lill-istess imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn kull propjetà, mobbli jew immobbli u dan ai terminu tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 2 ta' Novembru 2007

PAUL MIRUZZI
Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

Allegretto, born in Pietà on the 21 May 1962 and residing at Emanuela, Triq is-Siegħ, Swieqi, Ta' l-Ibraġġ, holder of identity card bearing number 320862(M).

Ordered that there shall be attached in the hands of third parties in a general manner, all monies and moveable property which may be due to or belonging to the accused mentioned above, or which are his property and prohibited the same accused from transferring or in any other way dispose from all property, moveable or immoveable, and this in terms of Chapter 101 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta), today 2 November 2007

PAUL MIRUZZI
Registrar, Criminal Courts and Tribunals

1574

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Denise Abela (ID 268864M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 241/07 JA) fejn talbet il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID tal-minuri Jake Abela, numru 2951/2005 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 31 ta' Ottubru 2007.

MARIO DEBONO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Denise Abela (ID 268864M) filed an application under oath (No. 241/07 JA) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH of the minor Jake Abela, number 2951/2005 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today, 31st October 2007.

MARIO DEBONO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*